# Mill-Istorja tal-Gudja

**L-istatwi fil-faċċata tal-knisja**
Ġew imtellgħin f'posthom min-nies tal-Gudja li sabu l-għajnuna ta' Col. A. Mattei.

**Il-Vara ta' Santa Marija**
Hi l-ewwel vara titulari ta' Santa Marija f'Malta u hi maħduma minn Vincenzo Dimech.

**Il-knisja ta' Loretu**

Fi żmien it-tieni gwerra dinjija, is-suldati kienu jużaw il-kmamar li hemm mal-knisja. Kien hemm ukoll kanun u *shelter* li jinfed għal mazzuntier. Bomba kienet għamlet ħsara lill-kantuniera tax-xellug ta' wara tal-knisja u oħra waqgħet fuq nofs iċ-ċinta n-naħa tal-lemin.

Ajruplan kien ukoll waqa' ftit 'il bogħod min-niċċa ta' ħdejn il-knisja msejħa tal-Madonna tal-Karwija.

**Dun Lawrenz Debono**
Kien minn Ħaż-Żabbar u għamel wieħed u għoxrin sena kappillan tal-Gudja (1875 - 1896). Id-dar tiegħu kienet ħdejn l-għassa. Ħadem u għamel ħafna ġid fil-Gudja u meta miet, dawruh mat-toroq tal-Gudja minn fejn tgħaddi l-purċissjoni.

**Toni Dalli**
Kien dilettant kbir tad-daqq tal-qniepen. Fir-ritratt jidher fil-festa ta' Santa Marija tal-1980 sejjer idoqq il-quddiesa tat-8 am.

**Ben. Barbara**



*Il-Knisja ta' Loretu*



*Toni Dalli*